MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-22 ta' April, 2015

Mandat Numru. 473/2015/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni**

**Nru. 473/2015 JZM fl-ismijiet :**

**Philip Mifsud iben il-mejtin Joseph u Tereza nee` Tabone, imwieled Haz-Zebbug u residenti 50, Triq il-Konservatorju, Floriana (Karta tal-Identita` Numru 278655M)**

***kontra***

**Kummissarju tal-Pulizija**

***u***

**Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrent ipprezenta rikors kontra l-intimati ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") fit-23 ta` Marzu 2015.

Fit-23 ta` Marzu 2015, il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrent provvizorjament, tat lill-intimati ghaxart (10) ijiem zmien biex iwiegbu bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 9 ta` April 2015 fid-9.00 a.m.

L-intimati kienu notifikati fit-23 ta` Marzu 2015 u pprezentaw risposta bil-miktub flimkien fit-30 ta` Marzu 2015.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tad-9 ta` April 2015. F`din l-udjenza, l-Ispettur Mario Cuschieri, hekk kif debitament awtorizzat mill-Kummissarju tal-Pulizija, ghamel dikjarazzjoni ghall-fini tal-Art 873(3) tal-Kap 12 fis-sens illi li kieku ma kienx ghad-digriet ta` din il-Qorti tat-23 ta` Marzu 2015 fejn intlaqghet provvizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat il-Kumissarju tal-Pulizija kien ser jipprocedi minnufih bl-estradizzjoni tar-rikorrent lejn l-Italja.

Fl-istess udjenza l-intimati pprezentaw zewg dokumenti. Il-Qorti semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri. Ir-rikors thalla ghal provvediment *in camera.*

Fit-13 ta` April 2015 ir-rikorrent ipprezenta nota b`zewg atti gudizzjarji. Fis-17 ta` April 2015, l-intimati pprezentaw rikors fejn talbu l-isfilz tan-nota bl-annessi. B`digriet moghti fil-21 ta` April 2015, il-Qorti cahdet it-talba tal-intimati.

## II. <u>It-talba</u>

Fil-bidu nett tar-rikors tieghu, ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` l-Mandat sabiex l-intimati jinzammu milli :-

*Jestradixxu lill-esponent Philip Mifsud gewwa l-Italja sakemm jigu decizi l-proceduri civili istitwiti fis-17 ta` Frar 2014 fl-ismijiet "Philip Mifsud (KI 278655M) kontra Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja, Segretarju Permanenti Ufficcju tal-Prim Ministru u l-Avukat Generali" (enumerata 152/14 JRM) u differita ghas-sentenza preliminari ghat-30 ta` April 2015.*

Aktar `l isfel fl-istess rikors, ir-rikorrent specifika t-talba fit-termini segwenti :-

*Tohrog ordni ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-Pulizija Ezekuttiva u l-Avukat Generali sabiex huma jigu inibiti milli jesegwixxu s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti deciza fit-18 ta` Gunju 2014 kif sussegwentement konfermata fil-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta` Lulju 2014 u jestradixxu lill-istess rikorrent Philip Mifsud gewwa l-Italja sakemm jigu decizi l-proceduri civili istitwiti fis-17 ta` Frar 2014 fl-ismijiet*

*"Philip Mifsud (KI 278655M) kontra Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja, Segretarju Permanenti Ufficcju tal-Prim` Ministru u l-Avukat Generali" (enumerata 152/14 JRM).*

## III. Ir-ragunijiet tar-rikorrent

Ir-ragunijiet li r-rikorrent qieghed igib `il quddiem biex isostni t-talba ghall-hrug tal-Mandat huma mfissra fil-korp tar-rikors. Mal-presentata ta` l-att, ir-rikorrent ipprezenta dokumenti sabiex isostni t-talba.

## IV. Analizi

Bhala sfond ghat-talba, mill-korp tar-rikors, jirrizultaw zewg proceduri ta` estradizzjoni lejn l-Italja tar-rikorrent wara l-hrug ta` zewg Mandati ta` Arrest Ewropew ("MAE") distinti wiehed mill-iehor. Il-lanjanza tar-rikorrent tolqot it-tieni procediment. Ghall-fini ta` analizi shiha tal-kwistjoni, il-Qorti sejra tirreferi ghaz-zewg procedimenti ; imbaghad tissofferma fuq it-tieni wiehed ladarba hija dik il-bazi tal-ilment tar-rikorrent.

### a) Il-procediment wara l-hrug tal-ewwel MAE

Ir-rikorrent kien indagat mit-Tribunal ta` Genova fl-Italja dwar reati relatati ma` kutrabandu ta` sigarretti. Il-Qorti ta` Genova harget MAE kontra r-rikorrent sabiex dan jigi arrestat u jintbaghat l-Italja. Bhala konsegwenza ta` dan, sar procediment quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti

Rimandanti. Skond decizjoni li tat dik il-Qorti fit-18 ta` Ottubru 2013 kien ordnat l-arrest tar-rikorrent u milqugha t-talba biex jintbaghat l-Italja. Ir-rikorrent appella. B`decizjoni li tat fil-25 ta` Novembru 2013 (Dok 1) il-Qorti tal-Appell Kriminali sabet li billi t-Tribunal ta` Genova kien ghadu qieghed jikkonduci hekk maghrufa fil-ligi Taljana bhala "*indagine preliminare*" ; kwindi ma kienx ghadu stabbilit jekk kienux sejrin jibdew kontra r-rikorrent proceduri ghar-reati li dwarhom kien indagat. Skond il-Qorti tal-Appell Kriminali, it-talba tal-awtoritajiet Taljani ma kenitx tinkwadra f`dak li jghid l-Art 5(4) tal-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni ("*Il-Mandat jinhareg bil-ghan ta` l-arrest u l-estradizzjoni tal-persuna lejn il-pajjiz skedat bil-ghan li jibdew proceduri kontriha ghal dak ir-reat.*") u ghalhekk it-talba taghhom ma setghetx tkun milqugha. Ghalhekk il-Qorti rrevokat is-sentenza tat-18 ta` Ottubru 2013 u ordnat il-helsien minnufih tar-rikorrent mill-arrest.

**b)** **<u>L-A.L. 421 tal-2013</u>**

Jirrizulta li fis-26 ta` Novembru 2013 kien pubblikat Avviz Legali 421 tal-2013 (Dok 2) li bis-sahha tieghu kien emendat l-Ordni principali mahrug skond l-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap 276). L-emenda rilevanti ghall-kaz tal-lum kien ir-regolament 2 fejn l-Art 5(4) tal-Ordni principali gie jaqra hekk :

*"Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (3)(a) hi wahda li l-persuna li dwarha jinhareg il-mandat hija mfittxija fil-pajjiz skedat ghall-finijiet tat-tmexxija ta` prosekuzzjoni kriminali ghall-ghemil ta` reat imsemmi fil-mandat."*

**c)** **<u>Il-hrug tat-tieni MAE</u>**

Fl-10 ta` Dicembru 2013, hareg it-tieni MAE kontra r-rikorrent. Fil-15 ta` Jannar 2014, inghalqu l-*indagini preliminari* li l-Qorti ta` Genova kienet qeghda tikkonduci fil-konfront tar-rikorrent.

**d)** **Philip Mifsud vs Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja et**

**(Rik. Gur. Nru. 152/2014 JRM)**

Fis-17 ta` Frar 2014, ir-rikorrent ipprezenta rikors guramentat fejn talab lill-Qorti :-

*1. Tiddikjara li s-Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja agixxa ultra vires il-pteri tieghu meta hejja u dahhal fis-sehh bazi gdida ghall-erstradizzjoni ta` persuni lejn pajjizi barranin fl-Avviz Nru 421 tal-2013 senjatament fejn talab is-sostituzzjoni tas-subartikolu 4 tal-Artikolu 5 tal-att dwar l-Estradizzjoni, Legislazzjoni Sussidjarja 276.5 intitolata Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni.*

*2. Konsegwentement tiddikjara bhala nulla u bla effett l-emenda promulgate u introdotta fl-Avviz Legali numru 421 tal-2013 li permezz taghha gie sostitwit is-subartikolu 4 tal-Artikolu 5 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05 kif ukoll kull fejn issir riferenza ghal din il-bazi ta` estradizzjoni gdida.*

**e)** **L-Art 21(2) tal-Kap 276**

**L-Art 21(2) tal-Kap 276** jaqra hekk :-

***Persuna m'ghandhiex titregga' lura ghal xi pajjiz skont dan l-Att -***

*(a) f'kull kaz, sakemm ighaddu hmistax-il jum li jibdew bil-jum li fih ikun sar l-ordni biex tigi mibghuta taht kustodja ;*

***(b) jekk il-persuna mibghuta taht kustodja jkollha l-jedd tibda xi procedimenti, sew ta' appell jew xort'ohra, li jistghu jwasslu ghar-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-qorti biex tigi mibghuta taht kustodja, u l-persuna li tintbaghat tkun bdiet dawk il-procedimenti jew, jekk ikun hemm stabbilit b'ligi jew ikun gie stabbilit b'ordni jew b'sentenza tal-qorti zmien li fih dawk il-procedimenti ghandhom jinbdew, sakemm ighaddi dak iz-zmien ;***

*(c) jekk xi procedimenti msemmija fl-ahhar paragrafu ta' qabel dan ikunu nbdew, sakemm jispiccaw dawk il-procedimenti :*

*Izda il-procedimenti ghandhom jitqiesu li spiccaw ukoll jekk jigu rtirati jew abbandunati ;*

*(d) jekk il-persuna mibghuta taht kustodja tkun giet akkuzata jew tqatta' z-zmien ta' xi sentenza kif provdut fl-artikolu 12, sakemm din tkun giet mehlusa jew b'liberazzjoni jew ghax jiskadilha z-zmien tas-sentenza jew xort'ohra.*

**f) <u>It-tieni procediment</u>**

Fl-20 ta` Mejju 2004, kien inizjat it-tieni procediment quddiem il-Qrati Maltin ghall-estradizzjoni tar-rikorrent ; ir-rikorrent tressaq taht arrest. Fit-18 ta` Gunju 2014, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti ddecidiet favur l-estradizzjoni tar-rikorrent lejn l-Italja u rreferiet ghall-Art 21(2) tal-Kap 276 in kwantu jirrigwarda l-procediment civili li kien inizjat mir-rikorrent fis-17 ta` Frar 2014. Sar appell u l-Qorti tal-Appell Kriminali b`sentenza li tat fit-23 ta` Lulju 2014 ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti.

**g) <u>Philip Mifsud vs Avukat Generali</u>**

**Rik. Nru. 55/2014 AE**

Wara t-tmiem tat-tieni procediment, fid-29 ta` Lulju 2014, ir-rikorrent ipprezenta rikors quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha fejn talab lill-Qorti hekk :

*(a) tiddikjara li r-rikorrent inkisirlu jew x'aktarx ser jinkisirlu d-drittijiet fondamentali tieghu ta' smigh xieraq kif provdut u sancit fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ;*

*(b) tiddikjara li r-rikorrent inkisirlu jew x'aktarx ser jinkisirlu d-drittijiet fondamentali tieghu ta' smigh xieraq kif provdut u sancit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ;*

*(c) tiddikjara illi l-artikolu 7 ta' l-Avviz Legali 320 ta' l-2004 huwa leziv ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ;*

*(d) tiddikjara li r-rikorrent inkisirlu jew x'aktarx ser jinkisirlu d-drittijiet fondamentali ghar-rispett ghall-hajja privata tieghu sancit fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ;*

*(e) tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Lulju 2014 hija nulla u bla effett.*

*(f) taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuna fic-cirkostanzi tal-kaz.*

B`sentenza taghha tat-23 ta` Frar 2015, il-Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrent. Minn din is-sentenza ma kienx hemm appell.

Konkluz anke dan il-procediment b`esitu sfavorevoli ghalih, ir-rikorrent ipprezenta r-rikors tal-lum hekk kif kien infurmat li l-Kummissarju tal-Pulizija kien se jibghatu l-Italja.

## V. <u>Id-difiza tal-intimati kontra t-talba ghall-hrug tal-Mandat</u>

**<u>Fil-qosor</u>**, il-posizzjoni tal-intimati hija din. Bl-A.L. 421 tal-2013 kienu *transposed* fil-ligi taghna partijiet mid-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill tal-UE tat-13 ta` Gunju 2002 dwar l-MAE u l-proceduri ta` treggiegh lura lejn Stati Membri tal-UE. Fil-kawza Rik. Gur. Nru. 152/2014 JRM, l-intimati qeghdin jikkontestaw it-talbiet attrici kemm b`eccezzjonijiet preliminari u fil-mertu. Il-procediment inizjat mir-rikorrent fil-qrati civili ordinarji ma jikkwalifikax fil-kuntest tal-Art 21(2)(b) tal-Kap 276. Konkluzi l-proceduri ta` natura penali u kostituzzjonali, il-Kummissarju tal-Pulizija jrid jibghat lir-rikorrent l-Italja billi ghaddew it-termini stabbiliti mil-ligi. Skond l-intimati, ir-rikorrent m`ghandux bazi biex jitlob il-hrug tal-Mandat u dan il-procediment qieghed isir propju biex izomm it-twettieq tal-estradizzjoni.

## VI. <u>L-Art 873 tal-Kap 12</u>

**Skond is-subinciz (1)** :–

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

**Skond is-subinciz (2)** :–

*Il-Qorti **m'ghandhiex** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

**In linea generali**, tnejn huma l-elementi li rikorrent irid jissodisfa :-

1) irid juri li l-mandat huwa **mehtieg** sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ; u

2) irid jipprova li ***prima facie*** ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

... ***huwa rekwizit oggettiv*** *u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Iz-zewg elementi fuq riferiti huma in linea generali.

Izda fejn il-Mandat ikun qed jintalab li johrog *kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha* [**Art 873(3**)] l-elementi minn tnejn isiru tlieta u cioe` :–

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Fil-kaz tal-lum, waqt l-udjenza tad-9 ta` April 2015, l-Ispettur Mario Cuschieri – bhala rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija – iddikjara illi kieku ma kienx ghall-prezentata tar-rikors odjern, fejn kien milqugh provvizorjament il-hrug tal-Mandat, il-Kummissarju tal-Pulizija kien ser jipprocedi bl-estradizzjoni tar-rikorrent.

Fil-kuntest tat-**tielet element** li jrid jikkonkorri fil-kaz ta` Mandat *kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha*, partikolarment l-element tal-*pregudizzju*, ghandu jinghad illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma

baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-Mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-Mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

## VII. Konsiderazzjonijiet

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. Ghalhekk li sejra taghmel il-Qorti huwa li tistharreg jekk jirrizultax il-jedd *prima facie.* Jekk dan il-jedd jirrizulta, allura tghaddi sabiex tqis ir-rekwiziti l-ohra ; jekk dak ir-rekwizit ma jirrizultax, allura ma jkunx hemm htiega li tqis l-elementi l-ohra.

Fejn si tratta tal-jedd *prima facie,* jirrizulta li r-rikorrent qieghed jitlob li l-intimati jigu inibiti milli jibghatuh l-Italja in konnessjoni mal-proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu f`dak il-pajjiz **unikament** minhabba t-talbiet li ghamel fil-kawza Rik. Gur. Nru. 152/14 JRM li ghadha pendenti.

Mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti li tidhol fil-mertu li qieghed jigi trattat f`dik il-kawza. Il-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Din hija r-raguni ghala l-ligi nbidlet u stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat ghandha jew tintlaqa' jew tkun michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Hadd ma jista' jew ma ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Il-mansjoni ta' din il-Qorti huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi

sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni. Del resto, il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali.

Dan premess hija l-fehma meqjusa ta` din il-Qorti illi l-jedd *prima facie* ma jirrizultax. Ir-rikorrent qieghed ighid li l-Art 21(2)(b) tal-Kap 276 ighodd ghalih – u allura m`ghandux jintbaghat l-Italja – ghax huwa ressaq it-talbiet li huma dedotti fil-kawza bil-presentata tal-kawza Rik. Gur. Nru. 152/14 JRM. Skond ir-rikorrent, dak il-fatt jaghtih jedd *prima facie* li jitlob il-hrug tal-Mandat, aktar u aktar meta dik il-kawza ghadha mhijiex deciza.

Il-fehma tar-rikorrent mhijiex kondivisa minn din il-Qorti.

Anke jekk jintlaqghu t-talbiet li r-rikorrent ressaq fil-kawza Rik. Gur. Nru. 152/14 JRM, dawk ma jistghux *jwasslu ghar-revoka, l-annullament jew il-modifika* ***tal-ordni tal-qorti*** skond l-Art 21(2)(b) tal-Kap 276 u ghalhekk mhuwiex sodisfatt a favur tar-rikorrent dak previst minn dik id-disposizzjoni.

Ma hemm l-ebda pregudizzjali legali sabiex ir-rikorrent ma jintbaghatx l-Italja sabiex, kif irrizulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors, illum jiskonta gewwa l-Italja l-piena ta` tliet snin u erba` xhur prigunerija li kien ikkundannat mill-Qorti tal-Ewwel Istanza ta` Genova, ghalkemm ir-rikorrent appella mis-sentenza.

Is-sentenza tat-23 ta` Lulju 2014 moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tikkostitwixxi *res judicata* u hija esegwibbli nonostante t-talbiet li ressaq ir-rikorrent fil-kawza Rik. Gur. Nru. 152/14 JRM. *Del resto* fil-kawza kostituzzjonali tentata mir-rikorrent u li kienet deciza fit-23 ta` Frar 2015 ir-rikorrent kien ressaq talab *ad hoc* sabiex is-sentenza tat-23 ta` Lulju 2014 tigi

dikjarata nulla u bla effett. Dik it-talba, bhat-talbiet l-ohra tar-rikorrent, kienet michuda. Is-sentenza tat-23 ta` Frar 2015 tikkostitwixxi *res judicata.* Anke s-sentenza tat-23 ta` Lulju 2014 taghmel stat fil-konfront tar-rikorrent, u ma tistax tkun minimament *scalfita,* ikun x`jkun l-esitu tal-kawza Rik. Gur. Nru. 152/14 JRM.

**Ladarba huwa mankanti l-element tal-jedd *prima facie*, ma hemmx htiega li l-Qorti tghaddi ghall-konsiderazzjoni taz-zewg rekwiziti l-ohra. Il-Qorti tinsisti illi r-rekwiziti huma stretti u l-Qorti (<u>*m`ghandhiex*</u>) hija prekluza milli tordna l-hrug tal-Mandat jekk mhux ir-rekwiziti <u>kollha</u> (minghajr eskluzjoni) ikunu sodisfatti. Mankanti mqar wiehed, il-Mandat ta` Inibizzjoni ma jistax johrog.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi filwaqt li thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tat-23 ta` Marzu 2015 safejn kienet laqghet it-talba provvizorjament, tichad it-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-Mandat. Tordna li l-ispejjez ta` din il-procedura jithallsu mir-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------